182

VALLETTA LEGAL

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 JUL 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

18 ta' Lulju 2022

Lic-Chairman
Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
PO Box 172
Furjana

Sur Chairman

**RE: PA 403/22**

Nikteb fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Gharghur u tas-segwenti individwi li huma lkoll "registered objectors" :
Joe Cuschieri (ID 648753(M)
Francesco Galea (ID 0265361M)
Raymond Mula (ID 113969M)
Jimmy Zarb (ID 524359M)
Salvu Vella (ID 261752M)
John Aquilina (ID 589940M)
Emanuel Galea (ID 570265M)
Jonathan Bajada (ID 242786 M)
Ivan Xuereb (ID 143868M)
Bartholomew Sant (ID 198656M)
Joseph Cuschieri (ID 331955(M)

L-appell qieghed isir fir-rigward tal-applikazzjoni fuq indikata li giet approvata a favur Joseph Aquilina u li tkopri sit gewwa Triq l-Imnieqa, Hal-Gharghur. Il-permess gie approvat fir-rigward tas-segwenti zvilupp propost:

**" To construct rubble walls as original"**

L-appellanti jinsabu aggravati b'tali decizjoni u bil-prezenti qed jinterponu appell u l-aggravvju taghhom huwa s-segwenti:

20/1, Republic Street
Valletta, VLT 1111, Malta
T +356 2122 8340
F +356 2122 8360
E info@vallettalegal.com
www.vallettalegal.com

**Il-kostruzzjoni tal-hitan tas-sejjiegh gewwa sqaq adjacenti ser jikkostitwixxi periklu pubbliku**

Is-sit in kwistjoni jikkonsisti f'ghalqa mhux mahduma bil-hitan tas-sejjiegh mwaqqghin u li jikkonfina ma' Sqaq l-Imnieqa. Sqaq l-Imnieqa huwa l-uniku access bil-vetturi li jaghti ghal numru ta' eghlieqi li uhud minnhom jinhadmu minn uhud mill-appellanti. L-applikant, minflok applika biex itella' l-hitan fil-pozizzjoni li kienu qabel ma waqghu biz-zmien, applika sabiex dawn jinbnew proprju gewwa l-isqaq li ilu stabbilit ghal mijiet ta' snin.

Il-konsegwenza ta' dan l-agir irresponsabbli huwa illi ser jidjieq l-isqaq u konsegwentement l-access tal-appellanti ghall-eghlieqi taghhom. Pero, aghar minn hekk huwa l-fatt illi l-isqaq jaghti access ukoll ghall-sit fejn jigi sparat in-nar u l-fatt illi qed jidjieq l-isqaq ser ifisser illi vetturi bhalma huma fire engine u ambulanza mhumiex ser ikollhom access ghal dan is-sit.

Dan mhux talli ser jikkostitwixxi "risk hazard" ghal min jaghti n-nar imma jista' jkun ta' periklu wkoll u ta' riskju ghal-eghlieqi tal-madwar.

Ghandu jinghad illi dan l-isqaq jikkostitwixxi l-uniku access ghal uhud mill-bdiewa sabiex jaslu ghall-eghlieqi taghhom bl-ingenji biex ikunu jistghu jahdmu r-raba, kif ukoll biex igibu bowser ilma sabiex jimlew il-gwiebi.

It-tlugh tal-hitan ser iwassal ghall-diffikultajiet ta' passagg u access li gew totalment injorati mill-Awtorita fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

Illi l-case officer tal-Awtorita ma kkunsidrat bl-ebda mod l-ilmenti ta' min kien qed joggezzjona u dan jirrizulta minn qari tal-Case Officer report fejn intqal is-segwenti:

The Directorate notes that whilst considering such objection letters, it shall be noted that the pre-1968 rural alley shall remain as is, as indicated in the 1968 survey sheet and 1978 aerial photo. The rubble wall shall replace the original wall

Illi ghalhekk, ebda kunsiderazzjoni ma nghata ghall-fatt illi l-ahhar li deher dan il-hajt fuq ortophoto kien fil-1978, cioe iktar minn erbghin sena ilu, u c-cirkostanzi u l-mezzi uzati llum huma ferm differenti. L-ilment tal-appellanti gie injorat totalment mill-case officer.

VALLETTA
LEGAL

L-appellanti jissottomettu illi din il-kunsiderazzjoni hija wahda materjali hafna u, bid-dovut rispett, jidhrilu illi kemm id-Direttorat kif ukoll il-Kummissjoni misshom qiesu l-lanjanza tar-residenti u tal-Kunsill illi, wara kollox, jirrapprezenta lir-residenti tal-Gharghur u jaghti widen ghall-ilment taghhom. Dan huwa wara kollox dover tal-Kummissjoni billi, ghat-tenur tal-Artiku 72, huwa obbligat illi jqis is-segwenti:

> "(d) kull ħaġa oħra ta' sustanza, kompriż commitments legali fil-viċin, konsiderazzjonijiet ambjentali, estetiċi usanitarji, li l-Bord tal-Ippjanar jista' jqis bhala rilevanti
> ;e) ir-rappreżentazzjonijiet li jsiru b'risposta għall-pubblikazzjoni tal-proposta ta' żvilupp"

Ghaldaqstant, altru illi l-ilment huwa wiehed rilevanti u li missu tqies kemm mid-Direttorat kif ukoll mill-Awtorita fil-kunsiderazzjonijiet taghhom.

**Xhieda**

L-appellanti u l-kunsilliera tal-Kunsill lokali ta' Hal-Gharghur, il-persuna li ghandu f'idejh il-licenzja tal-fabbrika tan-nar li timmanifattura n-nar li jigi sparat mill-vicinanzi tas-sit, kollha ghall-konferma tal-fatti dikjarati

Rapprezentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, sabiex jixhed dwar ir-riskji tal-access u affarijiet ohra.

Ufficjali tal-Awtorita tal-Ippjanar li ezaminaw il-kaz, sabiex jixhdu dwar l-istudji li saru dwar i-risk assessment u affarijiet ohra.

Fid-dawl ta' dan kollu u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lilhom, l-appellanti jitolbu sabiex dan it-Tribunal jordna r-revoka tad-decizjoni tal-Kummissjoni li in forza taghha gie approvat il-permess jew, bhala alternattiva, jimponi dawk il-kundizzjonijiet fil-permess li jidhrilu xierqa u opportuni sabiex dan il-periklu u nuqqas ta' access jigi indirizzat.

Dejjem tieghek

Tanya Sciberras Camilleri